# L-ARĊIPRIET FRANĠISK MALLIA (1866 - 1938)

minn JOSEPH R. GATT



Fost il-kwadri tal-mexxejja pastorali tal-Furjana li naraw fis-sagristija tal-knisja ta' San Publju, hemm dak ta' l-Arċipriet Dun Franġisk Mallia li mitt sena ilu nħatar Arċipriet tal-Furjana. F'għeluq il-mitt sena ta' din l-okkażjoni huwa xieraq li ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar dan is-saċerdot li tant ħabb il-Furjana u ħadem ħafna għaliha.

## MIN KIEN

L-Arċipriet Franġisk Mallia, bin Ġużeppi u Anġela, xebba Xuereb, twieled Bormla fit-12 ta' Marzu 1866. Il-familja Mallia tat lill-knisja ta' Malta żewġ aħwa saċerdoti, lil Dun Giovanni u lil Dun Franġisk. Missieru kien minn Bormla u ommu minn Ħaż-Żabbar. Għammduh fil-Parroċċa ta' Bormla.

Franġisk Mallia minn tfulitu wera li kien intelliġenti. Studja fil-Liceo, fis-Seminarju u fl-Universita' ta' Malta minn fejn kiseb il-Baċellerat ta' l-Arti (B.A.) fl-1888 meta kellu biss 22 sena. Fl-1890 ġie ordnat saċerdot u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Parroċċa ta' Bormla. Fl-1892 kiseb il-lawrja fit-Teoloġija bit-titlu ta' Dottorat fid-Divinita' (D.D.) Wara ssokta l-istudja tiegħu fil-kulleġġ "San Giuseppe" f'Ruma. Sentejn wara iggradwa fid-Dritto Canonico u ħareġ l-ewwel wieħed fost il-280 saċerdoti oħra sħabu, kollha ta' nazzjonalita differenti. Minn dan il-kulleġġ rebaħ erba' medalji tal-fidda u erba' diplomi iffirmati mill-Kardinal Lucido Parocchi, rettur tal-kulleġġ. Fl-eżami orali kiseb il-Licenza in Utroque Jure'. Il-medalji li kiseb kienu f'L-"Isturzione di Dritto Canonico"; fid-"Dritto Publico Ecclesiastico"; fid-"Dritto Civile" u fid-"Dritto Criminale". Ġie lura Malta fl-1894. Fis-sena 1895, Dun Franġisk Mallia kkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill Ġenerali ta' Malta u ġie elett mir-raba' distrett, magħmul minn Bormla u Ħaż-Żabbar. Għal xi żmien kien eżaminatur fid-"Dritto Canonico" fl-Universita' ta' Malta. Serva wkoll fil-Qorti ta' l-Isqof.



JOSEPH R. GATT

## MAĦTUR ARĊIPRIET

Wara l-mewt xejn mistennija ta' l-Arċipriet D. Andrea Dingli li ġrat fis-17 ta' Diċembru 1896, l-Arċisqof Pietro Pace (1889-1914) f'Jannar 1897 ħatru bħala Arċipriet tal-Furjana. Ftit ġimgħat wara ħa l-pussess tal-parroċċa u sar is-sitt mexxej pastorali tagħha.



L-ARĊIPRIET
FRANĠISK MALLIA

Dam imexxiha għal 34 sena sakemm fl-1931, l-Arċisqof Mauro Caruana (1915-1943) għażlu bħala Monsinjur tal-Katridral minflok Mons. Kan. Isidoro Formosa li miet f'Jannar 1931. Mons. Mallia baqa' joqgħod il-Furjana jagħti s-servizzi pastorali tiegħu fil-parroċċa. Fi żmien il-parrokat tiegħu mietu ħuh Dun Giovanni u ommu li ġew joqogħdu miegħu fil-Furjana.

## ĦIDMIETU FIL-FURJANA

Il-parrokat tiegħu kien l-itwal wieħed. Matulu ħadem bla heda għall-ġid spiritwali tal-parruċċani tiegħu. Il-ħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ, il-pariri għaqlija tiegħu, l-imġiba tajba, il-karita, il-mod ċajtier u mitt virtu oħra li kellu, għamluh popolari, maħbub u ħabib ta' kulħadd. Hu kien magħruf fost il-Furjaniżi u sħabu tal-kleru bil-laqam "il-Mulej".

L-Arċipriet Mallia mexxa l-parroċċa bil-għaqal u l-prudenza, u kellu l-ħila jħallas id-dejn kollu li kellha l-knisja biex inbniet il-faċċata l-ġdida. Hawn huwa tajjeb nikkwotaw kliemu stess dwar dan: "X'ħin dħalt il-Furjana sibt il-knisa ta' San Publju mgħobbija b'lira mgħax kuljum tad-dejn li kellha. X'ħin ħriġt minnha ħallejtilha lira renta kuljum."

## XOGĦLIJIET FIL-KNISJA

Il-knisja kienet għal qalbu wisq u ħadem ħafna biex isebbaħha u jżejjinha b'bosta opri ġodda li tħallsu mill-ġbir u minn diversi benefatturi kbar, fosthom huwa stess. Daħal għal proġetti kbar:- L-installazzjoni tas-sistema elettrika u l-pittura tas-saqaf u l-koppla,



# L-ARĊIPRIET FRANĠISK MALLIA (1866 - 1938)

xogħol mibdi mill-pittur Attilio Palombi (c. 1860-1913) u tkompla mill-pittur Gianni Vella (1885-1977) fuq rakkomandazzjoni ta' Palombi stess meta kellu jħalli x-xogħol wara li beda jonqoslu d-dawl. Dawn ix-xogħlijiet ħadu ħafna żmien biex tlestew. Il-pittur Giuseppe Cali` (1846-1930) kien pitter il-kwadru ta' Kristu Msallab. L-Arċipriet irregala l-altar maġġur. Il-pittura ta' Palombi, Vella u Cali` kif ukoll l-altar maġġur u bosta opri oħra nqerdu fil-gwerra meta ġġarrfet il-knisja (28.4.1942). Fi żmienu saret id-dekorazzjoni u l-induratura taż-żewġ kappelli tas-Sacro Cuore u ta' San Ġużepp. Sar paviment ta' l-irħam. Saru wkoll ventaltari tal-bellus aħmar rrakkmati b'disinji ħelwin tad-deheb, fosthom ta' l-altari ta' San Lawrenz, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Sant' Antnin u tas-S. Coure. Inħadmu kapep, "sopra" trieħi sbieħ u sar dam-ask għan-navi. Saru wkoll gandlieri, statwetti għall-altari u ostensorju sabiħ. Fost ix-xogħlijiet maħdumin fl-injam insemmu biss il-bradella u l-bankun għall-vara titulari; in-niċeċ tal-Qalb ta' Ġesu' u ta' l-"Ecce Homo"; it-tron ta' l-Isqof u diversi sopraporti.

Dun Franġisk ħaseb għat-tiżjin tat-triqat fil-jiem tal-festa u nħadmu statwi u pedestalli.

## ĦIDMIET OĦRA

Fi żmienu nfetħet id-Dar tad-Duttrina Nisranija - Il-Musewm (1911), l-Oratorju Istruttiv (1926), u twaqqaf iċ-Circolo Giovanile S. Publio (1927). Saru l-festi biex ifakkru t-Tmintax-il Seklu mill-Martirju ta' San Publju (1925). L-Arċipriet Mallia, fl-1922 iċċelebra il-25 sena bħala Arċipriet u b'tifkira l-Furjaniżi ppreżentawlu pittura ritratt tiegħu, xogħol il-pittur Gius. Cali` , il-kwadru li hemm fis-sagristija.

B'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913) u tat-Tqarbina Ġenerali tat-tfal li saret fil-Knisja ta' San Publju fl-istess festi, fl-1914 waqqaf l-istatwa ta' San Publju u lapida li tfakkar din il-ġrajja. Ħasra li l-lapida inqerdet fil-gwerra.

L-Arċipriet Mallia kien wassal mill-Isptar Ġenerali saċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata l-vittmi tas-"Sette Giugno" (1919) u lil Sir Filippo Sceberras (1928). Kienu żewġ funerali li ġabru eluf kbar ta' nies.

## MAĦTUR MONSINJUR - 1931

Fl-14 ta' April 1931 l-Arċipriet Mallia ħa l-pussess ta' Monsinjur fil-Katidral ta' l-Imdina. Qabel ħalla l-parrokat tiegħu, nhar il-Ħadd 12 ta' April '31, iċċelebra quddiesa b'radd il-ħajr u għamel l-aħħar diskors tiegħu bħala ragħaj tal-Furjaniżi. Dak in-nhar Mons. Enrico Bonnici għamel id-diskors taċ-ċirkostanza u Mons. Mallia ġie mogħti tliet rigali, (1) salib tad-deheb mill-kleru tal-Furjana, (2) kalċi mill-poplu tal-parroċċa, u (3) rużetta mill-Konfraternita' ta' San Publju. F'din l-okkażjoni nkixfet il-kitba ta' taħt il-kwadru-ritratt tiegħu mill-Vigarju Ġenerali Mons. Paolo Galea. Wara twassal b'dimostrazzjoni sa ċ-"Circolo Vilhena" (il-Każin tal-Banda). Il-President Profs. Luigi Preziosi (1888-1965) għamel diskors u sar trattament.

Il-funzjonijiet prinċipali tal-festa ta' San Publju ta' dik is-sena, it-Translazzjoni u l-quddiesa ta' nhar il-festa, mexxiehom hu bħala Monsinjur.

Kif ġa għedna huwa baqa' joqgħod il-Furjana. Mar joqgħod fid-dar Nru. 44 Piazza Filippo Sceberras. Id-dar semmieha għalih, "Muleja House". Baqa' joqgħod hemm sakemm miet. Fi żmienu n-naħa tal-pjazza fejn kien joqgħod tawha l-isem ta' Triq Pietro Floriani. Illum "Muleja House" iġġib in-numru 24. Warajh sar Arċipriet Dun Angelo Ghigo.

## IL-MEWT TA' MONS. MALLIA

Meta saħtu bdiet tonqoslu rtira u beda jqaddes fid-dar tiegħu. Marad u meta qaleb għall-agħar għamlulu l-griżma. Kien sarlu Vjatku solenni b'ġemgħa kbira ta' nies jakkompanjaw fih. Mons F. Mallia miet matul il-lejl 3/4 Settembru 1938, ta' 72 sena. Għalkemm il-mewt`tiegħu kienet mistennija minn jum għal ieħor, l-aħbar ġiebet niket kbir fost il-Furjaniżi. Il-Furjana libset il-luttu. Il-Ħadd wara nofs in-nhar, il-katavru tiegħu ġie meħud proċessjonalment fil-knisja ta' San Publju u sarlu s-servizz funebri. L-għada fil-għodu seritlu quddiesa solenni 'praesente cadavere". Wara ttieħed għad-dfin fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata. Il-poplu Furjaniż ħareġ bi ħġaru jagħtih l-aħħar tislima b'apprezzament għal dak kollu li wettaq fil-parroċċa tagħhom. Il-mewt tiegħu kienet telfa għall-Kleru u l-poplu ta' Malta.

## GĦELUQ

Il-kwadru ritratt tiegħu għadu jfakkar sallum lill-ARĊIPRIET FRANĠIDK MALLIA għall-ħidma tiegħu pastorali fost il-Furjaniżi. Kien ta' dmiru u ta' qalb tajba.

● ● ● ● ● ● ● ● ● ● ● ● ● ● ●

**Bibljografija:**

Arkivju Parrokkjali:-Bormla; Floriana.

Reġistru Pubbliku.

Gazzetti:- Il-Ħabbar; L-Ordine; Malta Tagħna; Leħen is-Sewwwa; Il-Berqa; Malta Chronicle.

Agius Ant. - Is-Subborg tal-Furjana w il-Parroċċa tiegħu, 1946.

Tonna E.S. - Final Focus on Floriana. Malta 1979.